# Ġ 5.3 IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA



**Ġ5.3.1**

Noti fuq kif isir is-Sajd tal-Lampuki.

**Riċerka ta' Etienne Vella – Għajnsielem**

## Is-Sajd tal-Lampuki



Il-Lampuki **ma jinqabdux is-sena kollha,** u jinqabdu **bix-xibka, jew bir-rixa mhux bil-qasba**.

Is-sajjieda jkollhom **skuna** u joħorġu **'l barra ħafna** biex jaqbdu l-lampuki. **Ġieli jdumu 3-4 t'ijiem bejn sema u ilma**.

L-istaġun jibda **f'Settembru iżda minn Awwissu** is-sajjieda jibdew joħorġu jagħmlu **l-kannizzati**.

**Kannizzata tkun bħal ċattra kbira magħmula minn sufri, xkejjer, weraq tal-palm, qasab u ħwejjeġ oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma.**

Dawn jintrabtu flimkien u jagħmlu qisu saqaf f'wicc l-ilma ħalli **l-lampuki jidħlu taħtu biex jistkennu mix-xemx.**



Biex il-kannizzata ma tinġarrx mill-kurrent, jorbthua tajjeb bil-ħbula ma' xi kantun/ġebel li jkunu xeħtu f'qiegħ il-baħar. Fil-wiċċ fuq il-kannizzata jkun hemm xi baga jew sufra biex is-sajjieda jagħrfu li hi l-kannizzata tagħhom.. Din tissejjaħ **ċima**.



Is-sajjieda joħorġu bl-iskejjen u meta jaslu ħdejn il-kannizzati **jużaw r-rixa** biex iressqu l-lampuki lejhom. Wara **jdawru l-kannizzata bix-xibka** u l-lampuki jew fanfri jinqabdu fix-xibka.

**Kavetti**



Kaxex fejn jistivaw il-ħut biex jeħduh il-pixkerija

Fuq l-iskuna jkun hemm **il-patrun**, li jkun is-sid, u jkollu **xi erba' sajjieda oħra biex jgħinuh**.

Tajjeb li ngħidu li l-lampuki jinqabdu wkoll **bir-rixa**. Ir-rixa hija ħabel twil li jkollu ħafna snanar. Is-snanar ikunu moħbijin b'rixa jew oġġetti oħra.

Tip ta' ħut li jinqabdu fl-istaġun tal-lampuki huma l-**Fanfri, Ċervjoli u t-Tonn**.

